**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar, 2001**

**Numru 19**

**Avviz. numru 1960/00JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta` estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**St. Andrews Hotels Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Dicembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn lira Maltija tlieta u disghin centezmu (Lm200.93) kwantu ghal mija erbgha u sebghin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm174.72) *royalty*, u sitta u ghoxrin lira Matija u**

**wiehed u ghoxrin centezmu (Lm26.21) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess *royalty* dovuti bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru.8397 (Dok.A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment "The Halland Complex", ghall-perijodu mis-6 ta' Frar, 2000, sal-5 ta' Frar, 2001.**

**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta'l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk ta'l-ittra legali tat-30 t'April, 2000, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u a tenur ta'l-Artikolu 13(b) ta'l-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-**

**socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mitejn lira Maltija tlieta u disghin centezmu (Lm200.93), bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Frar, 2000, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta'l-ittra legali tat-30 t'April, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**